

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2014 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TUNEŻIJA

tas-26 ta' Settembru 2014

**li temenda l-Artikolu 15(7) tal-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija fuq in-naħa l-oħra, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

(2014/865/UE)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija fuq in-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tal-Protokoll Nru 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 15(7) tal-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija fuq in-naħa l-oħra <sup>(1)</sup>, ("il-Ftehim"), hekk kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 1/2012 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija tal-20 ta' Frar 2012 <sup>(2)</sup> jip-permetti li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun hemm ir-rifużjoni jew l-eżenzjoni parzjali tad-dazji doganali jew ta' taxxi b'effett ekwivalenti, sal-31 ta' Diċembru 2012.
- (2) Sabiex tiġi ggarantita ċ-ċarezza u biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà ekonomika għal terminu twil u ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, il-partijiet għall-Ftehim, jaqblu li jtawlu l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(7) tal-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim, bi tliet snin, b'effett mill-1 ta' Jannar 2013.
- (3) Għalhekk, il-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim għandu jiġi emendat skont dan.
- (4) Billi l-Artikolu 15(7) tal-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim ma jibqax japplika mill-31 ta' Diċembru 2012, din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 15(7) tal-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija fuq in-naħa l-oħra, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, huwa sostitwit bit-test segwenti:

"Dan il-paragrafu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2015 u jista' jiġi eżaminat mill-ġdid bi qbil komuni."

<sup>(1)</sup> ĠUL 97, 30.3.1998, p. 2.

<sup>(2)</sup> ĠUL 106, 18.4.2012, p. 28.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

*Il-President*

F. MOGHERINI

---